C/2025/5001

11.9.2025

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.12070 — META / RELIANCE / JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2025/5001)

1. Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Meta Platforms, Inc. ("Meta", l-Istati Uniti),

— Reliance Industries Limited ("Reliance", l-Indja),

— JV Company ("JV", l-Indja).

Meta u Reliance se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Meta hija kumpanija tat-teknoloġija li topera pjattaformi tal-media soċjali u servizzi ta' komunikazzjoni, inklużi Facebook, Instagram, Threads, Messenger u WhatsApp.

— Reliance għandha attivitajiet kummerċjali f'diversi setturi inklużi l-enerġija, il-petrokimiċi, il-gass naturali, il-bejgħ bl-imnut, il-media u d-divertiment, is-servizzi diġitali u t-tessuti.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta se jkunu dawn: l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġija għas-soluzzjonijiet tal-IA tal-intrapriżi fl-Indja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12070 — META / RELIANCE / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË